# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 262/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Luke Bonello)

vs

**Peter Duncan Mizzi**

iben Carmel , imwieled Pieta', fis-7 ta' Marzu, 1975, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 168075(M)

Illum, 24 ta' Frar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Peter Duncan Mizzi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fid-9 ta' Awwissu, 2012 permezz ta' apparat eletroniku f'dawn il-gzejjer :

1) ghamel uzu mhux xieraq minn apparat eletroniku fornut minn impriza sabiex iddejjaq lil

Daniela Mizzi;

2) talli ta fastidju lil Daniela Mizzi;

3) talli kien jaf li kien ta' fastidju ghall-imsemmija persuna;

4) talli kkaguna lill-istess Daniela Mizzi biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuni ohra.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Daniela Mizzi garanzija taht l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' Mejju, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 48(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 251A, 251B, 383 u 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat mhux hati tar-raba' imputazzjoni u minnha tilliberah skont il-ligi; izda sabitu hati ta' l-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u kkundannatu komplessivament ghal xahar prigunerija izda ordnat li s-sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, fil-perjodu ta' sena mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija, u dana kollu bis-sahha ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9.
Il-Qorti rabtet lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' elfejn Euro (€2000) ghal zmien tnax-il xahar mill-lum, u dana ai termini ta' l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9.

Rat ir-rikors tal-appellant Peter Duncan Mizzi minnu pprezentat fl-4 ta' Gunju, 2013 fejn talab li din il-Qorti jogghobha tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fit-23 ta' Mejju 2013, billi tikkonfermha inkwantu sabet lill-appellant mhux hati tar-raba' imputazzjoni u minnha lliberatu skont il-ligi; izda tirrevokha inkwantu sabitu hati tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u ikkundannatu komplessivament ghal xahar prigunerija izda ordnat li s-sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, fil-perjodu ta' sena mid-data tas-sentenza l-appellant jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija, u dana kollu bis-sahha ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9; u inkwantu ukoll li rabtet lill-appellant b' obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' elfejn Euro (€2000) ghal zmien tnax-il xahar mill-llum, u dana ai termini ta' l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 u minflok issib lill-appellant mhux hati

ta' dawk l-akkuzi u tilliberah minn kull htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fl-ewwel lok, huwa sottomess reverentement illi l-messagg – ossija l-assjem ta' messaggi trasmessi kollettivament - fl-e-mail mibghut mill-appellant lil Daniela Mizzi ma jammontawx ghal xi kliem ingurjuz jew li kellu oggettivament jitqies bhala minaccjuz jew ta' xi xorta ta' theddida. Il-kliem huma ambigwi u oggettivament huma esspressjoni ta' dwejjaq kbar. L-imsemmija Daniela Mizzi xehdet illi l-email ezebit minnha u li allura wassal ghar-rapport illi hija ressget mal-Pulizija kien l-ahhar wiehed fi skambju twil ta' emails bejnha u bejn l-appellant. Dan l-iskambju fih innifsu jindika l-assenza tal-biza' li mbaghad allegat illi hasset l-imsemmija Daniela Mizzi u li huwa element ubikwitu tal-fastidju. Min gieghel jigi fastidjat ma ikkorrispondix fit-tul mal-fastidjant. Daniela Mizzi kellha wkoll fuq il-persuna taghha waqt illi kienet qeghda tixhed, kopja tal-e-mail illi hija baghtet lill-appellant izda mitluba tipprezentha, irrifjutat. Il-motivi ghar-rifjut taghha huma maghrufa lill-appellant izda mhux lill-ewwel Onorabbli Qorti li ma ordnatx il-produzzjoni tal-istess dokument. B' dan il-mod ma tressqitx l-unika prova illi setghet taghti perspettiva u profondita lill-kliema altrimenti ambigwi utilizzati mill-appellant. Inoltre, dan ir-rifjut tal-imsemmija Daniela Mizzi li tezebixxi dan id-dokument titfa dawl gdid fuq l-allegazzjoni ta' biza' u fastidju illi ghamlet u li wasslet ghal dawn il-proceduri.

Illi kif inghid, l-appellant gie misjub hati ta' fastidju fil-konfront tal-kwerelanti Daniela Mizzi skond id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 251A izda ma giesitx illi l-imgieba tal-appellant kella titqies bhala fastidju skont l-artikolu 25lB, dejjem tal-Kapitolu 9. Gie ripetutament ritenut mill-Qrati taghna' illi biex jissussisti r-reat ta' fastidju ossija *harassement* huwa essenzjali l-element ta' persistenza jew ripetizzjoni. Meta semghet il-provi tal-prosekuzzjoni, l-ewwel Onorabbli Qorti semghet illi " ... *L-allegazzjoni hi li fl-emails skambjati bejn il-konjugi Mizzi, l-imputat Peter Duncan* Mizzi, *almenu bis-sahha ta' email partikolari tad-9 ta'Awwissu* 2012 illi *huwa baghat lil martu Daniela* Mizzi, *ikkawza dak li huwa qed jigi imputat bih".* Il-Qorti imbaghad " ... *ezaminat bir-reqqa u fid-dettal il-kliem uzat f' tali email* ... " u sabet illi " ... *L-imgieba tal-imputat, li lahaq il-kulminu tieghu fil-kliem uzat fl-email, kienet imgieba li tat fastidju lil Daniela* Mizzi." Dwar daqshekk l-appellant

jissottometti illi l-unika allegazzjoni li saret mill-prosekuzzjoni dwar fastidju f'din il-kawza - rtikolata mill-imsemmija Daniela Mizzi fix-xhieda taghha - kienet illi l-imputat kien qieghed jibghat emails lill-istess Daniela Mizzi. Irrizulta wkoll illi Daniela Mizzi kienet tirrispondi ghal dawn l-emails. Jekk allura kellha tigi pprovata xi ripetizzjoni jew persistenza fil-fastidju, kellhom zgur jigu ezebiti l-emails mibghuta mill-appellant u - ghal-kompletezza tal-provi - dawk mibghuta minn Daniela Mizzi. Dan ma sarx. Anzi sar propju l-kuntrarju ghaliex Daniela Mizzi giet permessa ma tezebix l-ahhar email taghha meta din kienet fil-pussess taghha - f' idha fil-fatt - meta kienet geghda tixhed.

Illi, kif inghid, l-ewwel Onorabbli sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu wara li rat, *inter alia,* l-artikolu 48(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan is-subinciz jaghmilha reat li persuna *"tuza xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronika fornut minn impriza gha1 ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew tittraskura milli tosserva l-istruzzjonijiet li jkunu mehruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella tuzah b' mod mhux kif imiss."*

Dan ir-reat huwa divers ghal dawk mahsuba fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 49 tal-istess Kapitolu, fejn ir-reat huwa illi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, jhedded jew jirrikatta lil xi hadd *iew (C) jaghmel uzu iehor mhux xieraq bih.*Dina l-Onorabbli Qorti kienet ezaminat it-tifsir ta' dak depost fl-Artikolu 48 tal-Kapitolu 399 u dentifikat ir-reat mahsub fih. Din il-Qorti- sabet illi l-kliem utilizzati (illum) mill-Artikolu 48, citati *verbatim - gha1 ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih* jew *tuzah b ' mod mhux kif imiss* ma jirreferix ghal kommissjoni ta' xi reat iehor - f' dan il-kaz dak tal-fastidju - bl-uzu tat-telefon imma ghal uzu ta' xi network jew appartat ta' kommunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza mhux ghal ghan tekniku, awtorizat, kornpatibbli, etc. jew ghal xi forma ta' abbuz iehor, irnma dejjem fl-isfera tar-reati tal-istess natura teknika komprizi fis-subinicizi tal-istess artikolu u reati ohra kreati gol-istess artikolu. In effett allura l-artikolu 48 tal-Kapitolu 399 ma jikkontemplax il-fastidju maghmul b' email.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.
F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi l-ewwel akkuza tirrigwarda l-fatt li l-appellant ghamel uzu mhux xieraq minn apparat elettriniku u l-ewwel Qorti sabitu hati ta' dan ir-reat a bazi tal-artikolu 48(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-artikolu li gie kkwotat mill-ewwel Qorti ma jinkwadrax ruhu fl--ewwel akkuza. Dan l-artikolu partikolari qed jikkontempla uzu ta' network jew apparat li mhumiex awtorizzati jew mhumiex teknikament korretti. Illi a bazi tas-sentenza ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, fl-ismijiet: "Il-Pulizija v. Dr. Etienne Calleja" deciza fit-22 ta' Awwissu, 2007 (per L-imhallef Joseph Galea Debono l-ghan ta' din il-ligi specjali hi biex tipprevjeni abbuzi ta' natura teknika minn sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici.

Illi t-tieni u ti-tielet akkuza jirrigwardaw l-fatt li l-appellant ta fastidju lil martu Daniela Mizzi u li kien jaf li hu fil-fatt kien qed jaghti fastidju. Dawn il-fatti huma milqughtamill-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali.

Illi ghandu jigi rilevat li fil-mori tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti gie ezebit email wiehed biss li jgib id-data tad-9 ta' Awwissu, 2012. Illi fil-verbal tas-seduta tat-23 ta' Mejju, 2013 l-appellant kien talab lill-parte civile, Daniela Mizzi, biex tezebixxi s-sensiela ta' emails b'dak tad-9 ta' Awwissu, 2012 jkun l-ahhar wiehed. Il-parte civile naqset li tezebixxi din is-sensiela ta' emails u ghalhekk l-ewwel Qorti kif ukoll din il-Qorti ghandha tibbaza l-gudizzju taghha fuq l-iskorta ta' email wahda biss.

Illi din il-Qorti f'diversi sentenzi hi tal-fehma li biex jissussisti r-reat ta' fastidju huwa essenzjali l-element ta' persistenza jew ripetizzjoni [ara "Il-Pulizija v. Massimo Tivisini", deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Frar, 2009 (per Imhallef Joseph Galea Debono) u "Il-Pulizija v. Julian Cesare", deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Marzu, 2012 (per Imhallef Michael Mallia)].

Illi din il-Qorti, kif inghad fuq, ghandha quddiema email wiehed biss. Kieku l-emails kollha kienu gew ezebiti din il-Qorti setghet tasal ghal konkluzjoni ferm aktar sodisfacenti li setgha kien hemm persistenza jew ripttizzjoni da parti ta' l-appellant fl-emails li hu jkun baghat lill-aprte civile. Madankollu, fil-fehma ta' din il-Qorti l-email in kwistjoni mhiex xi xorta ta' theddida.

Ma hemm ebda dubju li din l-email mhux wahda pjacevoli izda waheda ma tista' tammonta qatt ghall-fastidju kif trid il-ligi.

Ghaldaqstant, tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant, Peter Duncan Mizzi, mhux hati tar-raba' akkuza migjuba kontra tieghu u minnu lliberat lill-istess appellant. Tilqa l-appell tal-appellant Peter Duncan Mizzi, dwar l-akkuzi l-ohra migjuba kontra tieghu. Thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija fejn gie misjub hati tal-ewwel tlett akkuzi migjuba kontra tieghu u minflokk ma ssibux hati ta' dawn l-akkuzi u tilliberah mill-istess akkuzi.

1 Il-Pulizija (Spt. A. Cachia) vs Massimo Tivisini" (Qorti ta' l-Appell Kriminali 5-27 ta' Frar, 2009); Il-Pulizija (Spt. Carlos Cordina) vs Julian Cesare (Qorti ta' l-Appell Kriminali 1-1 ta' Marzu, 2012); Il-Pulizija vs Alan Caruana Carabez (Qorti ta' l-Appell Kriminali 1-21 ta' Gunju, 2007)